# Ħamsin Sena mill-ftuħ tal-Knisja u Ħamsa u Għoxrin Sena mill-Konsagrazzjoni tal-istess Tempju

*minn Ivan Bugeja*

Kważi ta' kull sena l-parroċċa tagħna tiċċelebra xi anniversarju u din is-sena mhix qed tkun b'inqas. Dan għaliex din is-sena l-parroċċa qed tfakkar il-ħamsin sena mill-ftuħ tal-knisja u ħamsa u għoxrin sena mill-Konsagrazzjoni.



Kien nhar is-16 ta' Awwissu tal-1963 meta l-knisja tagħna kienet ġiet imbierka mill-E.T. l-Isqof Emmanuel Galea waqt ċerimonja sabiħa u li għaliha kienu preżenti numru kbir ta' Ħamrunizi. Dakinhar kienet tqaddset l-ewwel quddiesa fuq l-altar, li kien mogħti ftit qabel lill-knisja mis-Sur Antonio Theuma, wieħed mill-parrinijiet u l-akbar benefattur tal-knisja. Il-ftuħ tal-knisja kien sar biss ftit tal-ġranet wara li kien lest ix-xogħol tal-bini, xogħol li dam sejjer għal ftit aktar minn ħames snin. Imbagħad tlett ijiem wara, nhar id-19 tax-xahar mill-parroċċa ta' San Gejtanu twasslu l-għadam tal-Qaddisin Kletu u Giokonda. Imbagħad l-għada l-Arċisqof Mikiel Gonzi bierek lill-altar.



Hawnhekk ma nistgħux ma nsemmux lir-Rettur Dun Edgar Vella Anastasi li f'dawk iż-żminijiet kien il-mexxej spiritwali tal-inħawi tal-Oratorju ta' Triq id-Duluri. Ftit żmien wara l-ħatra tiegħu bħala rettur hu ta bidu għall-ġbir tal-fondi sabiex bihom setà jagħti bidu għall-proġett tal-knisja. L-ewwel ma sar kien li nxtrat biċċa art ta' ftit aktar minn 650 metru kwadru fi Triq Lord Lloyd mingħand is-Sur Pawlu Grixti għas-somma ta' Lm108. Wara saru l-pjanti mis-Sur Ġuże` Damato, bil-Perit Karmenu Cumbo jiffirma d-dokumenti. Qabel ma beda x-xogħol tal-bini kien sar it-tħaffir tal-blat, iżda ftit wara, il-flus li kienu nġarbu spiċċaw fix-xejn. Għalhekk Dun Edgar kellu jissellef is-somma ta' Lm 8,000 mingħand il-Kurja biex il-proġett tkompla.



*ikompli f'paġna 59*



Iċ-ċerimonja tat-tqegħid tal-ewwel ġebla saret nhar it-23 ta' Marzu tal-1958 fil-preżenza l-Isqof Emmanuel Galea flimkien ma' Dun Mattew Chircop, il-Kanonku Micallef, Dun Ġużepp Aquilina u Dun Edgar Vella. Waqt din l-okkażjoni kienu ġew esposti għall-pubbliku l-pjanti ta' dan il-proġett hekk meraviljuż. Waqt il-bini mhux kollox mar ward u żahar u l-problemi u d-diżappunti ma naqsux, iżda x-xogħol kompla miexi b'rittmu mgħaġġel aktar milli wieħed kien qed jistenna. Bla dubju l-akbar diżappunt kien dak tal-mewt ta' Dun Edgar Vella, nhar l-20 ta' Novembru tal-1962. Kienet tassew ħassra li hu miet qabel mal-proġett kien lest. Biex ix-xogħol tkompla, bħala predeċessur inħatar Dun Ġużepp Mifsud Bonniċi li kien magħżul minn fost is-saċerdoti tal-parroċċa sabiex ikun il-mexxej il-ġdid ta' din il-knisja li kienet għadha qed tinbena.

Dakinhar tal-ftuħ nhar is-16 ta' Awwissu tal-1963, il-knisja kienet lesta biss mill-istruttura tal-bini u minn ġewwa hi kienet għadha vojta. Bil-mod il-mod u bl-għajnuna ta' numru ta' benefatturi l-knisja bdiet tieħu dehra oħra. L-ewwel ma sar kien il-konkos tal-art u ftit taż-żmien wara sar it-tqegħid tal-madum. Aktar tard sar l-irħam tal-presbiterju u ftit ftit ix-xogħol tkompla, sar l-elettriku, il-bibien ta' barra, il-bankijiet, il-pultieri ta' fuq l-altar, inxtara l-armonju, il-kandlieri ta' fuq l-altar u brazzi tax-xemgħa u anki kurċifiss kbir.



Nhar l-1 ta' Lulju tal-1966 il-knisja ġiet mgħollija għall-Viċi-Parroċċa, b'digriet maħruġ mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Imbagħad b'digriet ieħor din id-darba maħruġ fit-28 ta' Diċembru tal-1967, il-Kurja ta' Malta ħabbret it-twaqqif tal-parroċċa, taħt it-titolu tal-'Immakulata Kunċizzjoni tal-Verġni Marija'. Dan id-digriet daħal fis-seħħ nhar l-1 ta' Jannar tal-1968.

Matul l-1988 kien iċċelebrat l-20 anniversarju tal-parroċċa u fost l-attivitajiet ewlenin li saru matul dik is-sena kien hemm t-tlugħ tal-istatwa tal-Kunċizzjoni fuq il-faċċata tal-knisja, xogħol fil-fibre tal-artist George Atkins.



Imbagħad nhar it-28 ta' Mejju 1988 il-knisja ġiet ikkonsagrata u dan għaliex sa dakinhar hi kienet għadha biss imbierka. Iċ-ċerimonja tal-Konsagrazzjoni ma kinitx waħda sempliċi u

*ikompli f'paġna 63*

dan għall-fatt illi matulha kienu ġew ikkonsagrati l-altar u miegħu t-tnax-il salib tal-irħam biż-żejt imqaddes tal-Griżma.



Iċ-ċerimonja bdiet billi l-Kappillan Dun Manwel Agius offra ċ-ċwievet tal-knisja lill-E.T. Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Imbagħad l-kappillan tkellem dwar l-istorja u l-bini tal-knisja u wara l-Arċisqof bierek l-ilma u roxxu fuq l-altar u fuq il-poplu. Wara tkantat il-Glorja, intqalet il-kolletta u ngħata bidu għall-Liturġija tal-Kelma. Wara tkantat il-Litanija tal-Qaddisin u saret it-talba tad-dedikazzjoni li fiha ntwera l-ħsieb li l-knisja tkun iddedikata lil Alla għal dejjem. Imbagħad bdew ir-riti tad-dlik tal-altar u s-slaleb, tal-Inċensazzjoni, tal-Vestizzjoni u tal-mixgħela tal-altar. Fl-aħħar tal-konċelebrazzjoni nkixfet lapida kommemorattiva.



Il-knisja hi mibnija bi stil li jqarreb ħafna lejn il-Joniku. Fuq il-faċċata nsibu tliet bibien b'dak prinċipali u t-tnejn l-oħra iżgħar fuq kull ġenb. Fuq il-bieb hemm tieqa kbira nofs tond b'rappreżentazzjoni Marjana. Imbagħad fil-grawnić ta' fuq l-arkata hemm il-kelmiet 'Madonna Berikna'. Il-faċċata għandha wkoll sitt pilastri u sitt kapitelli Joniċi. Jistrieħ fuqhom hemm fontispizju u fuq nett l-statwa ta' Marija Immakulata. Il-koppla u l-lanterna huma mibnija mill-konkos rinfurzat u mal-ġenb tagħhom hemm kampnar uniku. Fih hemm sett t'erba' qniepen li nħadmu fil-*Funderija Achille Mazzola* fl-1993.



Minn ġewwa l-knisja għandha għamla rettangulari b'qies ta' 44 metru fond u b'wisa' ta' 14-il metru. L-art hu miksija bi granit *Sardo Grigio* u b'żewġ faxxi *Cappo Bonito* tul il-korsija. Minn ġewwa l-knisja hi miżbugħa bl-aħmar kannelli u isfar ċar bil-pilastri tal-ġenb fuq il-fil. Il-knisja għandha tliet navati u fihom insibu lit-titular u seba' rappreżentazzjonijiet Marjani, xogħol fil-mużajk tad-*Ditta T. Sarti*. Il-presbiterju hu magħmul mill-granit aħmar u l-irħam kannella ċar. Ħdejn il-bibien ta' barra nsibu żewġ niċeċ, waħda tal-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni u l-oħra ta' San Ġużepp. Bejn dawn in-niċeċ hemm il-gallerija, taħtha l-antiporta u mal-ħitan tal-ġnub hemm il-Via Sagra u s-slaleb tal-Konsagrazzjoni.

Fil-knisja hemm ħames lapidi kommemorattivi, dik tat-tqiegħid tal-ewwel ġebla, l-għaxar, tal-għoxrin u l-ħamsa u għoxrin anniversarju tal-parroċċa u oħra tal-wasla tal-istatwa titulari.